A.L. 352 ta' l-2003

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti ta' l-2003 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 425 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpanniji u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpanniji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 344 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-14 ta' Novembru, 2003.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih qabel it-tifsira ta' "pajjiż jew ġurisdizzjoni approvati", għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;".

Żieda ta' regolament 5A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament 5A ġdid li ġej:-

"Awtorizzazzjoni biex taġixxi bħala *nominee* jew t*rustee*.

5A. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għal kumpannija barranija li għandha tkun reġistrata għal kontinwazzjoni f'Malta, li l-azzjonijiet tagħha huma miżmuma minn *nominee* jew *trustee* barrani f'isem u fl-interess ta' persuni oħra li għandhom id-dritt li jkunu s-sid benefiċjarju tagħhom, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejjaħ "*trustee* barrani".

(2) Ebda *trustee* barrani ma għandu jaġixxi bħala *trustee* f'Malta dwar azzjonijiet f'kumpanniji barranin li jkunu applikaw biex jiġu reġistrati għal kontinwazzjoni f'Malta

kemm-il darba dak it-*trustee* barrani ma jkunx awtorizzat jaġixxi bħala *trustee* f'Malta.

(3) (a) L-Awtorità tista' tawtorizza lil *trustee* barrani biex jaġixxi bħala *trustee* f'Malta biss dwar azzjonijiet f'kumpaniji barranin li jkunu applikaw biex ikunu reġistrati għal kontinwazzjoni f'Malta sakemm dak it-*trustee* barrani, qabel ma jaġixxi bħala *trustee* fl-imsemmija kumpanniji barranin:

i. ikun applika bil-miktub lill-Awtorità biex jingħata awtorizzazzjoni;

ii. ikollu fil-pussess tiegħu liċenza valida jew awtorizzazzjoni biex jaġixxi bħala *trustee* maħruġa mill-awtorità regolatorja rilevanti f'ġurisdizzjoni approvata; u

iii. ikun ħallas lill-Awtorità id-dritt annwali ta' awtorizzazzjoni ta' Lm500.

(b) Applikazzjoni magħmula taħt dan ir-regolament għandha tagħti fil-qosor l-attivitajiet tat-*trustee* propost u għandu jkun hemm magħha dak it-tagħrif li jista' jkun meħtieġ mill-Awtorità.

(ċ) L-Awtorità, fl-għoti ta' awtorizzazzjoni, tista' timponi kull restrizzjoni jew kondizzjoni li jidhrilha xieraq.

(d) L-Awtorità għandha dritt tissorvelja l-attivitajiet tat-*trustee* barrani f'Malta kif jidhrilha xieraq u għandha titolbu li minn żmien għal żmien jagħtiha dik l-informazzjoni li jidhrilha li tkun meħtieġa.

(e) Fejn t-*trustee* barrani jonqos milli jagħti l-informazzjoni mitluba mill-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tkun tista' minnufih tirrevoka l-awtorizzazzjoni ta' l-imsemmi *trustee* barrani.

(4) Il-ħtieġa għal awtorizzazzjoni taħt dan ir-regolament ma għandhiex tapplika għal *trustee* barrani li jaġixxi bħala *trustee* ta' xi wieħed jew iktar mill-azzjonijiet f'kumpannija barranija meta dawk l-azzjonijiet ma jkollhom ebda drittijiet ta' votazzjoni speċjali u ma jkollhomx valur nominali ta' iżjed minn lira Maltija b'kollox jew l-ekwivalenti tagħha f'xi munita oħra.

(5) Ebda *trustee* barrani ma jkun qed jikser id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament kemm-il darba:

(i) ma jiksibx awtorizzazzjoni biex jaġixxi bħala *trustee* f'Malta taħt l-artikolu 51A ta' l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-Att dwar is-Servizzi ta' l-Investiment jew dan ir-regolament; jew

(ii) ma jittrasferix l-azzjonijiet miżmuma minn kumpannija barranija lil xi persuna li tkun hekk awtorizzata,

fi żmien 15-il jum mid-data taċ-Ċertifikat ta' Kontinwazzjoni Provviżorju maħruġ skond ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Ksur jew nuqqas ta' tħaris minn *trust* barrani ta' xi disposizzjoni ta' dan ir-regolament dwar l-awtorizzazzjoni ta' dak it-*trustee* biex jaġixxi bħala *trustee* f'Malta ma għandu b'ebda mod jippreġudika l-validità jew l-eżegwibilità ta' *trust* jew jolqot id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' dak it-*trustee* skond il-liġi applikabbli jew ir-reġistrazzjoni tal-kumpannija kif kontinwata f'Malta.

(7) Awtorizzazzjoni taħt dan ir-regolament biex taġixxi bħala *trustee* għandha tikkkostitwixxi awtorizzazzjoni għall-finijiet tas-subartikolu (9) ta' l-artikolu 51A ta' l-Att dwar iċ-Ċentru tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u għandha titqies li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-imsemmi subartikolu u tas-subartikolu (10) ta' l-artikolu 127 ta' l-Att.

(8) Kull awtorizzazzjoni maħruġa skond dan ir-regolament, u kull tiġdid tagħha, għandhom jibqgħu fis-seħħ sa dak iż-żmien li t-*trustee* barrani jkollu fil-pussess tiegħu l-liċenza valida jew l-awtorizzazzjoni msemmija fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) ta' subregolament (3) ta' dan ir-regolament u sa dak iż-żmien li jista' jkun deċiż mill-Awtorità bis-saħħa ta' xi disposizzjoni ta' xi liġi dwar ir-regolamentazzjoni ta' *trustees*.".

Zieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament 7A ġdid li ġej:-

"Azzjonijiet soġġetti għal pleġġ.

7A. (1) Meta azzjonijiet f'kumpannija barranija li se tkun kontinwata f'Malta skond dawn ir-regolamenti jkunu soġġetti għal pleġġ, piż, traferiment bħala garanzija jew xi garanzija oħra simili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa

"pleġġ", fil-pajjiż jew ġurisdizzjoni fejn tkun iffurmata l-kumpannija barranija, dak il-pleġġ għandu jibqa' jkun validu u effettiv taħt il-liġijiet ta' Malta, u wara r-reġistrazzjoni tal-kumpannija għal-kontinwazzjoni f'Malta għandu jkun kompletament eżegwibbli bħala pleġġ għal azzjonijiet skond l-artikolu 122 ta' l-Att, soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:-

(i) li l-pleġġ ikun inħoloq validament bil-miktub bħala dritt ta' garanzija u preferenza fuq azzjonijiet taħt il-liġijiet tal-pajjiż jew ġuriżdizzjoni fejn il-kumpannija barranija kienet iffurmata u inkorporata jew reġistrata;

(ii) li l-pleġġ ikun validu u effettiv fid-data tal-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Kontinwazzjoni Proviżorja f'Malta;

(iii) li avviż tal-pleġġ ikun ikkonsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 122 ta' l-Att fi żmien 14-il jum mid-data tal-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Kontinwazzjoni Provviżorja f'Malta.

(2) Pleġġ ta' azzjonijiet kif imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:

(i) għandu jkompli jkun regolat bil-liġi magħżula mill-partijiet u dik il-liġi għandha tapplika għad-drittijiet kollha, inklużi d-drittijiet li jkun infurzat, u l-obbligi tal-partijiet dwaru, ħlief sal-limitu li l-pleġġ ikun infurzat f'Malta f'liema każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu 122 ta' l-Att;

(ii) għandu jkompli jkun soġġett għal kull sottomissjoni magħmula mill-partijiet għall-ġuriżdizzjoni ta' xi qorti barranija jew arbitraġġ barrani liema sottomissjoni tkun waħda valida u effettiva u tibqa' fis-seħħ kollha kemm hi.

(3) L-parti li tkun qed tagħmel il-konsenja ta' l-avviż ta' pleġġ lir-Reġistratur f'Malta skond dan ir-regolament għandha tinnotifika wkoll lill-parti l-oħra fil-ftehim tal-pleġġ billi tikkonsenjalu vera kopja ta' l-imsemmi avviż fi żmien erbatax-il jum minn notifika lir-Reġistratur.

(4) Meta tintemm il-pleġġ, għandu jiġi kkonsenjat avviż tat-tmiem tal-pleġġ lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (15) ta' l-artikolu 122 ta' l-Att.".